# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta, 16 ta' Frar 2021

## Talba Numru 53/2019SFJ

***GO plc (C22334)***
***vs.***
***Loraine Bugeja (28775M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi esponiet u talbet:

"*Illi l-konvenuta għandha tagħti lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfejn erba' mija u tlieta u sittin Ewro u għaxar ċenteżmi (€2,463.10) in kwantu għal sitt mija u erbgħa u disgħin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€694.67) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40447917, elf erba' mija u erbgħa u tletin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€1434.54) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 55121582 u tlett mija u tlieta u tletin Ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€333.89) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40447766.*

*Illli s-servizzi miġbura fil-kont bin-numru 55121582 u 40447766 ġew ikkuntrattati mas-soċjetà Mobisle Communications Ltd, liema soċjetà ġiet, b'effett mid-19 ta' Diċembru 2015, amalgamata fis-soċjetà GO plc.*

*Illi interpellata sabiex tgħaddi għall-ħlas, il-konvenuta baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża kontra l-konvenuta li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.*

*Bl-ispejjeż u drittijiet, inklużi dawk in konnessjoni mal-ittra uffiċjali bir-referenza 2256/17, u bl-imgħaxijiet skont il-liġi.*"

Ra n-nota tal-konvenuta ppreżentata fid-9 ta' Diċembru 2020 (fol. 49 *et seq.*) li permezz tagħha ammettiet it-talba tas-soċjetà attriċi stante ftehim li kien jippermettilha jħallas tramite pagamenti mensili.

Ra li anness man-nota tal-konvenuta kien hemm *e-mail* mibgħut mill-konvenuta lill-avukat tagħha (fol. 50) li permezz tagħha awtorizzatu jippreżenta nota ta' ammissjoni f'isimha.

Ra n-nota tas-soċjetà attriċi ppreżentata fis-6 ta' Jannar 2021 (fol. 51) li permezz tagħha t-talba ġiet ridotta bl-ammont ta' mitt Ewro (€100.00) rappreżentanti pagament akkont. Is-soċjetà attriċi ddikjarat li l-bilanċ rimanenti kien ta' elfejn u tlett mija u tlieta u sittin Ewro u għaxar ċenteżmi (€2,363.10) flimkien mad-drittijiet l-imgħaxijiet u l-ispejjeż legali skont l-Avviż tat-Talba.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-16 ta' Frar 2021.

Ikkunsidra li fid-dawl tal-ammissjoni tal-konvenuta, it-Tribunal m'għandux triq oħra ħlief li jsib li t-talba tas-soċjetà attriċi kif ridotta permezz tan-nota tas-6 ta' Jannar 2021 timmerita li tkun milqugħa.

Ikkunsidra ulterjorment illi s-soċjetà attriċi ppreżentat kopja tal-ittra uffiċjali li kienet ippreżentat kontra l-konvenuta (fol. 11) u għalhekk it-talbiet tas-soċjetà attriċi relattivament għall-ispejjeż in konnessjoni mal-istess ittra uffiċjali huma ġustifikati.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li qara l-atti, inklużi n-nota ta' ammissjoni tal-konvenuta u n-nota ta' riduzzjoni tas-soċjetà attriċi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi kif ridotti permezz tan-nota relattiva u għalhekk jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfejn u tlett mija u tlieta u sittin Ewro u għaxar ċenteżmi (€2,363.10) bl-imgħax li għandu jiddekorri mid-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali relattiva (jiġifieri mill-20 ta' Settembru 2017 'il quddiem) b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-konvenuta għandha tħallas l-ispejjeż kollha konnessi mal-ittra uffiċjali relattiva kif ukoll l-ispejjeż ta' din il-kawża.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**